# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)

**Kumpilazzjoni Nru. 716/2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**ANGELO DISTEFANO**

**Illum, 16 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Angelo Distefano, 32 sena, ta' nazzjonalitá Taljana, detentur tal-karta tal-identità Taljana numru AU4077274 u numru ta' identifikazzjoni personali DSTNGL86R23C351E, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"Personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' uffiċjal prinċipali jew ta' rappreżentant ta' PRISMA GROUP s.r.l. nakkużah talli;*

*1. Fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2017 u Mejju 2018 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wara ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group ta' Ħal Kirkop;*

*2. Talli f'istess dati, lok u ċirkostanzi, għamel qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali ta' aktar minu ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group ta' Ħal Kirkop;*

*3. Kif ukoll talli f'istess dati, lok u ċirkostanzi approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom jew minħabba depożitu neċessarju taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li isir użu minnha speċifikat, u dan bi ħsara ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group ta' Ħal Kirkop, liema ammont ta' ħsara huwa ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000);*

*4. Aktar talli fil-perjodu ta' bejn Jannar 2018 u Ottubru 2018, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz. Jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Anthony Camilleri mill-Madliena u/jew A M Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd.;*

*5. Talli f'istess dati, lok u ċirkostanzi, għamel qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment ta' Anthony Camilleri mill-Madliena u/jew A M Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd.;*

*6. Kif ukoll talli f'istess dati, lok u ċirkostanzi approprja ruħu,billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom jew minħabba depożitu neċessarju taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan bi ħsara ta' Anthony Camilleri mill-Madliena u/jew A M Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd., liema ammont ta' ħsara huwa ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000);*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperi, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat l-Artikoli maħruġa;

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li dan il-każ jinstema' u jiġi deċiż bil-proċedura sommarja;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi Prodotti</u>**

L-**Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet li kienet ġiet assenjata dan il-każ, wara kwerela li ntbagħtet għan-nom ta' Elbros Construction Limited, dwar allegat każ ta' frodi li jammonta għal €13,000. Allegatament, dan kien kommess minn Angelo Distefano għan-nom ta' Prisma Group Limited. Spjegat li tkellmet ma' Anabelle Ellul, li infurmat lill-Pulizija li Distefano kien introduċa ruħu, bħala rappreżentant ta' kumpanija Taljana li tisupplixxi makkinarju u oġġetti oħra, relatati ma' kostruzzjoni u żvilupp. Spjegat li Elbros Construction Limited interessat ruħha li tixtri xi pannelli tad-ditta DOCA u Distefano kien offra li jissupplixxi tali pannelli, bil-prezz ta' €13 għal kull pannella. Spjegat li mill-informazzjoni mgħoddija lilha, fit-23 ta' Ottubru, 2017, Elbros u Distefano daħlu fi ftehim li mal-ordni, kellha titħallas 50% tal-konsenja, liema konsenja kienet ser tiġi tiswa €26,000. Elbros kellha tgħaddi s-somma ta' €13,000 lil Prisma Group SRL, ġo

kont bankarju apożitu, filwaqt li l-konsenja kellha tiġi riċevuta Malta, bejn għoxrin jew tletin ġurnata ta' xogħol. Spjegat li Distefano kien għadda wkoll xi *samples* tal-pannelli lir-rappreżentanti ta' Elbros.

Spjegat li mill-informazzjoni mogħtija, Elbros ħallset id-depożitu, iżda l-pannelli ma ġewx konsenjati. Spjegat li Distefano beda jġib skużi li kellu problemi bit-trasport u mad-DOCA. Spjegat li Distefano kien anke wera xi dokumenti ta' DOCA Milan u ta' dwana, li kien hemm suspett li kienu foloz. Spjegat li r-rappreżentanti ta' Elbros talbu l-flus ta' depożitu lura, u anke taw lil Distefano, in-numru tal-kont tagħhom, iżda dawn il-flus baqgħu qatt ma ġew ritornati lura. Għalhekk ippreżentaw tali kwerela.

Spjegat li minn investigazzjoni li għamlet, irriżulta li Angelo Distefano kien direttur ta' kumpanija Prisma Group SRL, liema kumpanija tinsab f'Catania. Spjegat li Anthony Camilleri kien għamel rapport lejn l-aħħar ta' Ottubru 2018, kontra l-istess Distefano. Qalet li dan kien infurmaha li huwa kuntrattur u li kien ġie avviċinat biex jixtri għarbiel. Spjegat li dan kompla jirraporta li Distefano għan-nom ta' Prisma Group SRL, kien għażel li ma jagħmilx negozju dwar dan l-għarbiel, iżda f'Ġunju 2018, għamel ftehim ma' Distefano dwar *roller crusher*. Spjegat li Camilleri kien anke mar Milan jara din l-għodda ma' Distefano. Spjegat li Camilleri kien wasal għal ftehim ta' kuntratt fis-27 ta' Lulju, 2018, għall prezz ta' €20,000. Il-prezz kollu kien għadda fit-30 ta' Lulju, 2018, fil-kont bankarju partikolari. Spjegat li din il-magna baqgħet qatt ma waslet, u għalkemm Distefano ntalab jirrifondi l-flus, dawn qatt ma ġew mgħoddija lura lil Camilleri.

L-Ispettur kompliet tispjega, li wara riċerki li saru, kien inħareġ mandat ta' arrest fir-rigward tal-imputat, u li l-imputat kien ingħata d-drittijiet legali tiegħu. Ikkonfermat li Distefano kien irrilaxxa stqarrija fejn ikkonferma, li huwa direttur ta' Prisma Grupo SRL. Fl-istqarrija ġie kkonfermat li Prisma għandha xi negozju ma' persuni Maltin. Spjegat fost oħrajn, li waqt l-istqarrija, huwa sostna li rċieva l-flus mingħand dawn iż-żewġ kwerelanti, iżda li għar-rigward tal-pannelli, kien iriskontra problema f'Milan, għaliex dawn già kellhom rappreżentant tagħhom f'Malta. Spjegat li meta ġie mistoqsi dwar x'għamel bil-flus, Distefano kien sostna li huwa kien ħallas il-magna bihom. L-Ispettur għaddiet biex eżebiet ammont ta' dokumenti. L-Ispettur ikkonfermat li l-problemi bdew jinqalgħu wara li kien seħħ il-ftehim ma' Distefano. Hija kkonfermat li l-kumpanija Prisma teżisti.

F'seduta sussegwenti, l-Ispettur ippreżentat iż-żewg rapporti li saru mal-Pulizija, u li għamlet referenza għalihom preċedentement.

**Kathleen Camilleri** spjegat li hija impjegata ma' waħda mill-kumpaniji ta' Anthony Camilleri. Sosniet li hija taf lill-imputat. Spjegat li dan kien avviċina lil Anton Camilleri u kien sar xi negozju dwar *roller crusher*. Ikkonfermat li Camilleri kien mar jara dan il-makkinarju ġewwa l-Italja. Kompliet tispjega li kien sar il-kuntratt u tħallset permezz ta' trasferiment bankarju, is-somma ta' €20,000. Ikkonfermat li wara li sar dan il-ħlas, Distefano ma baqax iċempel u l-makkinarju qatt ma wasal. Spjegat li Distefano beda jġib skużi bit-trasport. Sostniet li kienu talbuh il-flus lura u tawh id-dettalji tal-bank, iżda dan baqa' qatt ma ħallas il-flus lura. Il-flus tħallsu mill-kont ta' AM Developments. Sostniet li Distefano kien introduċa ruħu bħala li hu Direttur tal-kumpanija Prisma.

**Anthony Camilleri** xehed li huwa direttur ta' diversi kumpaniji u kien għamel rapport minħabba li kien xtara *roller crusher* mingħand Distefano, li baqa' qatt ma ngħata lilu. Spjega li Distefano kien jiġi l-uffiċju tiegħu bi brochures u kien jgħid li jbiegħ makkinarju. Ikkonferma li ħafna drabi, kien ikun hemm is-segretarja tiegħu preżenti, għaliex hu ma jafx jikkomunika bit-Taljan. Spjega li huwa kien mar l-Italja sabiex jara l-makkinarju li kien ser jixtri. Spjega li l-prezz ta' €20,000, kien jinkludi anke t-trasport tal-makkinarju lejn Malta. Sostna li meta l-makkinarju ma wasalx, Distefano beda jġib ħafna skużi sakemm kien aċċetta li jibgħat il-flus lura, iżda l-flus baqgħu qatt ma waslu.

In kontroeżami, huwa ċaħad li kien mar fl-istabbiliment f'San Giovanni La Punta, f'Catania. Ikkonferma li għal bidu, kien ser jixtri għarbiel mingħand Distefano. Ikkonferma li kien hu li ħallas għall-vjagg tiegħu f'Milan. Sostna li Distefano ried €35,000 għal *roller crusher*, iżda mbagħad kienu ftehmu fuq il-prezz ta' €20,000. Semma li kien hemm iktar persuni li ġew iffrodati minn Distefano.

F'seduta oħra, huwa eżebixxa r-ritratti li kien ħa, tal-makkinarju meta kien siefer. Huwa nsista li kien ħallas biss wara li kien già ra l-makkinarju.

**Anabelle Ellul** xehdet li hija Direttur fil-kumpanija Elbros Construction u kienet għamlet rapport mal-Pulzija, peress li ftit xhur qabel, kien sar negozju ma' Distefano ta' Prisma, dwar xi pannelli tal-injam. Spjegat li kienu ngħataw *sample* u kienu qablu li jinxtraw ammont ta' pannelli. Spjegat li tħallset is-somma ta' €13,000 u meta għaddew it-tletin ġurnata sabiex issir il-konsenja, dawn il-pannelli ma waslux. Spjeagt li bdiet tiġri wara Distefano, iżda dan kien dejjem iġib xi skużi. Spjegat li x-xiri tal-pannelli kien ħa ħsieb Norman Spagnol. Spjegat li daħlet fix-xena, meta għaddiet l-pagament li sar fis-27 ta' Ottubru, 2017.

**Kevin Ellul** spjega li huwa Direttur ta' Elbros Construction. Spjega li Distefano kien iltaqa' miegħu u urih xi katalgi. Spjega li Norman Spagnol kien ħa ħsieb, peress li kien jaf jitkellem bit-Taljan.

**Norman Spagnol** xehed li huwa ltaqa' ma' Distefano f'Settembru 2017. Spjega li wara xi diskussjonijiet, intlaħaq ftehim dwar xi pannelli tad-ditta partikolari. Sostna li huwa kien ingħata xi *samples* li kienu ġew ittestjati minnhom. Spjega li tħallas depożitu ta' EUR €13,000, iżda l-pannelli qatt ma waslu. Spjega li Distefano beda dejjem iqajjem xi skuża ġdida. Ikkonferma li l-kuntratt ġie ffirmat fis-23 ta' Ottubru, 2017. Spjega li huwa kien jikkomunika ma' Distefano permezz ta' *email* jew *Whatsapp* jew telefonikament. Sostna li l-flus kienu tħallsu f'kont bankarju tal-kumpanija Prisma.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-ħlas sar permezz ta' trasferiment bankarju, f'kont fl-Italja.

**Dr Ilona Schembri** spjegat li mir-riċerka li saret fuq l-imputat mill-Asset Recovery Bureau, irriżulta li Distefano għandu ishma f'żewġ kumpaniji, li huma Prisma Group Srl u New Prisma Srl.

**Ethelbert Camilleri** xehed li huwa jaħdem ma' missieru, fi grupp ta' kumpaniji msejjħa AC Group, li hija proprjetà ta' ommu u missieru, li huwa Anton Camilleri. Huwa għaraf lill-imputat bħala persuna li kien sar negozju miegħu, dwar xi bejgħ ta' makkinarju. Sostna li dan in-negozju ħadu ħsiebu oħtu u missieru. Spjega li f'okkażżjoni minnhom,

missieru kien talbu biex iċempel lil Distefano. Spjega li huwa kien saqsih meta ser jiġi kkonsenjat il-makkinarju, iżda Distefano kien wieġeb li kien għadu ma jafx.

**Charles Ellul** spjega li huwa Direttur fil-kumpanija Elbros Construction Ltd. Huwa sostna li huwa kien involut biss fl-iffirmar ta' xi pagamenti.

**PC1535 Shaun Spiteri** spjega li waqt li kien fuq patrol, hu u l-kollega tiegħu raw lil Angelo Distefano jiehu kafe fil-pjazza tan-Naxxar. Huwa spjega li kienu tawh il-mandat ta' arrest, u kif ukoll l-ittra tad-drittijiet. Spjega li kienu ħadu lil Distefano ġewwa l-*lock up*, fejn ġie reġistrat għall-aktar investigazzjonijiet. Spjega li huwa kien involut fir-rigward ta' xi rċevuti ta' flus kontanti li kellu fuqu, u kif ukoll tal-*mobile phone* u xi dokumenti li kellu fuqu.

**PS251 Christian Abela** xehed li huwa kien preżenti waqt stqarrija li ttieħdet mingħand l-imputat.

**Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti** in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji eżebixxa l-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpaniji Elbros Construction Limited, ta' AC Enterprises Limited u A.M. Developments Limited.

**PS 1300 Julian Fenech** xehed li ċertu Dale Bonello, kien talab l-assistenza tal-Pulizija peress li ċertu Distefano, kien irċieva €7,000 mingħandu, iżda l-għodda qatt ma waslet. Spjega li Distefano kien ġie avviċinat, u dan kien beda jgħaddi xi pagament lura lil Dale. Sostna li huwa kien tkellem ma' Distefano telefonikament.

In kontroeżami, huwa spjega li kien għad fadal biss pagament ta' €2000 u Dale ma ridx lill-Pulizija jmexxu kontra Distefano.

**Marvic Vella in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc** ikkonfermat, li sar trasferiment bankarju minn kont f'isem A.M Development Limited lil kont fl-Italja.

**Ruth Gafa** xehdet li hija taħdem ma' Elbros Construction Ltd. Spjegat li kien intbagħat pagament lil Prisma Group fl-ammont ta' €13,000.

**PC 1528 Nicholas Spiteri** spjega, li huwa kien avviċina lil Di Stefano flimkien ma' PC 1535, u arrestaw lill-istess Distefano.

**WPC 404 Fabienne Mihajlovic** spjegat, li hija kienet ix-xufiera tal-vettura tal-Pulizija meta ġie arrestat l-imputat.

**Keith Cutajar** xehed, fejn eżebixxa r-rapport ippreparat minnu.

**Dottor Lennox Vella** eżebixxa wkoll it-traduzzjonijiet li pprepara.

**L-imputat** għażel li jixhed, fejn ikkonferma l-kontenut kollu tal-istqarrija li kien irrilaxxa, liema stqarrija ġiet eżebita iktar kmieni f'din il-proċedura.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Ir-reati ravviżati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Fir-rigward ta' dawn ir-reati, din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-każ numru: **300/2016, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs. Joanne Sciberras, deċiża fil-15 ta' Diċembru 2022**, fejn intqal is-segwenti dwar l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9, li ġew eżaminati flimkien f'dik il-kawża:

> *"Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Aaron Mizzi (Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014) fejn inghad li*

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi talesponent)."*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018) fejn intqal:*

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs George Manicolo (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998) fejn gie ikkonfermat:*

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta talgurisprudenza in materja."*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz Il-Pulizija vs Marjanu Zahra, intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011):*

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali.*

*Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi*

*ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu*

*frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghallverosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene." "....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod illegittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella*

*conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra.*

*…Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Charles Zarb (Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993) fejn intqal:*

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq.*

*M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan.*

*Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela (Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011) fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.*

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, kunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet**, Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafà) vs Glen Debattista, deciza fil-11 ta' Settembru, 2013,** fejn intqal :

*"Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei f' Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354 jghid hekk:*

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*

1) *un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*

2) *la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*

3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*

*Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta 'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:*
*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent….. liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li*

*taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata (Vide Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997).*

*Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:*

*l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno.. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale …. e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche …. essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui.*

*Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent.*

*Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata." (Vide Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata).*

**<u>Ir-reat ravvizat fl-Artikoli 293 u 204 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Imbaghad dwar l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tagħmel referenza mill-ġdid għall-istess sentenza appena kkwotata, fl-ismijiet, **Pulizija vs Joanne Sciberras,** fejn intqal:

*"L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:*

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

*L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:*

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et (Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000) fejn gie ritenut:*

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f'dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi 18rofit ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

*"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei Delitti Inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

*" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph*

*Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet, **Il-Puliziia vs Enrico Petroni u Edwin Petroni, deċiża fid-9 ta' Ġunju, 1998,** intqal:

*"Dana ir-reat isehh meta (1) wiehed jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor "*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet, **'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter K/A Pierre Falzon (ID: 535060M)' deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fis-16 ta' Ġunju, 2016, (Kumpilazzjoni Nru: 551/13**), fejn fost numru ta' konsiderazzjonijiet, ġie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan Luigi Mainou dan spjega li :*

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della*

*giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju , u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. Para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Għalhekk in riassunt, l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, huma dawn li ġejjin:-

1. Illi 1-pussess tal-haġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk, biex ma jkunx hemm ekwivoċità li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, għax altrimenti, jiffigura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq;

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, ċioè tal-proprjetà, għaliex f'dan il-każ ma jiffigurax l-element tal- azzjoni indebita;

3. Illi l-oġġett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt, jagħmel tiegħu l-ħaġa, ċioè japproprja ruħu minnha, jew ibiegħha, jew jiddistruġġiha *a proprio commodo o vantaggio*;

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat, li japproprija ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Evalwazzjoni fil-mertu fid-dawl tal-prinċipji legali fuq esposti</u>**

Dwar ir-reat ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, dwar l-element intenzjonali tal-imputat, u dana f'entrambi ż-żewġ kwereli/rapporti li saru. Kif già ingħad, irid ikun hemm intenzjoni tat-truffar, jew kif deskritta minn Stefano Filetti fil-ktieb tiegħu, 'Criminal Law Handbook', "*an intent to deceive, the malicious application of this deceit.*"

Fil-każ odjern, l-imputat ippreżenta ruħu bħala Direttur ta' kumpannija, li verament teżisti fl-Italja. Dan irriżulta wkoll li huwa fatt veritier (Vide dokumentazzjoni relattiva għal ordni ta' investigazzjoni Ewropea). Fir-rigward tal-każ ta' Elbros Construction Ltd. u/jew Elbros Group, huwa forna *samples* ta' pannelli li kien ser jissuplixxi u jbiegħ lill-istess kumpanija.

Fir-rigward ta' Anthony Camilleri u/jew AM Developments u/jew AC Enterprises Ltd, l-imputat kien ukoll ippreżenta ruħu bħala Direttur ta' kumpanija Taljana, li verament teżisti. Kien ukoll ħa l-iżbriga li juri l-makkinarju li kien intenzjonat li jinbiegħ, billi l-istess Anthony Camilleri mar l-Italja jara b'għajnejh, dan il-makkinarju.

Dak li ġara iżda, li kif spjega *a tempo vergine* l-imputat, inqalgħu varji problemi u diffikultajiet sabiex dawn l-oġġetti jaslu għand min effettivament kien ordnahom u ħallas, jew l-intier tal-prezz dovut (fil-każ ta' Anthony Camilleri u/jew AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd) jew parti mill-prezz dovut (fil-każ ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group). Madanakollu, dawn id-diffikultajiet ġew riskontrati wara li effettivament, kien sar in-negozju, u in fatti, ma tressqitx xi prova da parti tal-Prosekuzzjoni, li l-imputat kien già jaf bl-eżistenza ta' dawn id-diffikultajiet, li kienu ser jirrendu dan in-negozju impossibbli li jiġi konkluż. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova, li l-imputat, fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat, kien konxju tal-ingustizzja tal-profitt. Il-Prosekuzzjoni, in fatti, naqset li tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien hemm id-dolo rikjest fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat.

F'għajnejn din il-Qorti, fiż-żmien meta seħħew dawn iż-żewg negozji, l-imputat ma kellux l-intenzjoni tat-truffar. L-iskop kien li jsir negozju, iżda meta sussegwentement ġie biex jattwa dan in-negozju, induna li dan ma kienx possibli li jiġi hekk attwat:- fil-każ ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group, minħabba li fost affarijiet oħra, già kien hemm aġent ieħor f'Malta tad-ditta tal-pannelli ordnati, u fil-każ ta' Anthony Camilleri, AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd, minħabba li kien hemm problema kif kienet ser tiżżarma din il-magna u tiġi trasportata Malta.

Għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex sejra ssib ħtija fl-imputat għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet.

Dwar l-approprjazzjoni indebita, din il-Qorti tqies li f'entrambi ż-żewg każijiet, l-ammont ta' flejjes mgħoddija lill-imputat kienu ngħataw volontarjament mill-parte ċivile rispettivament, bl-intenzjoni li dan jikkonsenjalhom ċertu oġġetti partikolari. F'dan il-każ, entrambi l-parte ċivile telqu minn idejhom, il-flejjes mitluba a favur tal-agent, sabiex dan imbagħad jissupplixxi ammont ta' pannelli lil Elbros Construction Ltd u/jew Elbros

Group u *roller crusher* lil Anthony Camilleri, AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd.

Ġie ppruvat ukoll, li l-oġġetti li kellhom jiġu kkonsenjati lil Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group, u lil Anthony Camilleri, AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd, baqgħu qatt ma ġew hekk ikkonsenjati. In oltre, nonostante li l-imputat ġie mgħoddi minn entrambi l-parte ċivile, id-dettalji ta' fejn għandu jibgħat lura l-flus li kienu tħallsu, dan baqa' inadempjenti u baqa' qatt ma għadda lura l-istess flejjes imħallsa lilu. Din il-Qorti, f'dan l-istadju, tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawża, **Il-Pulizija vs Raymond Falzon,** rapportata f' Volume 82 (1998) part no 4, paġna 156, fejn intqal:

> *"L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'volontarieta' della conversion con scienza della sua illegitimita', e dal fine di lucro'. (Maino, L, op cit., p 105). Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop tal-qligh jew profit bi pregudizzju tal-vittma (profit li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunarju), tali intenzjoni, izda irid ikollha bhala fundament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun sempliciment ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata."*

F'dan il-każ, nonostante t-trapass taż-żmien, qatt ma ġie vverbalizzat li l-imputat effettivament, irrestitwixxa lura l-flejjes, lil parte ċivile.

Issa tajjeb li ssir referenza wkoll, f'dan l-istadju, ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizja Spettur Maurice Curmi vs Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga, deciza fl-14 ta' Diċembru, 2017**:

> *"**Mhux biss izda ukoll l-Prosekuzzjoni fil-kaz tar-reat tal-misapproprjazzjoni trid necessarjament tipprova illi l-awtur tar-reat ghamel uzu divers mil-flus minn dak li ghalih kienu gew fdati lilu**. Tali prova ma saritx. L-appellanti fl-istqarrija tieghu jammetti li huwa ghandu fil-pussess tieghu il-flus mghoddija lilu mill-parti leza, izda ma hemm l-icken prova dwar x'uzu seta' ghamel minn dawn il-flus ghajr illi dawn zammhom ghalih. Illi fil-fatt fid-decizjoni Il-Pulizija vs Edwin Petroni et iccitata superjorment mil-Ewwel Qorti hemm mghallem illi:*

*"Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistinwgi ruhu …. ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."*

*"L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat."*

*"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profit indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann.*

*Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu.*

*Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio"."* (enfażi miżjud)

Fil-każ odjern, din il-Qorti tqies li fir-rigward ta' Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group, il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-awtur tar-reat għamel użu divers mill-flus, minn dak li għalih kienu ġew fdati lilu. In fatti, fl-istqarrija tiegħu (li ġiet ukoll ikkonfermata bil-ġurament waqt is-smigħ ta' din il-kawża mill-istess imputat), l-imputat ammetta li "*nofs tajthom lil tad-DOK A u l-kumplament ħallejthom fl-account u wżajthom għan-negozju."* Għalhekk, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tielet imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet prova, li effettivament sar użu divers minn parti mill-flus, li ġew mgħoddija minn Elbros Construction Ltd u/jew Elbros Group lill-imputat.

Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-element formali ta' dan ir-reat, fir-rigward tar-rapport magħmul minn Elbros Group u/jew Elbros Construction Ltd, ġie wkoll ippruvat, peress li l-ħlas lura baqa' qatt ma sar.- Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputat dawwar il-flejjes li kienu ġew fdati lilu, għal għan speċifikat f'użu differenti minn dak patwit. Huwa żamm il-flejjes għandu, nonostante li rrealizza li ma kienx possibbli li l-oggetti jiġu kkonsenjati lill-parte ċivile, rispettivament. Dan l-użu divers sar b'mod intenzjonali mill-imputat bil-għan li jagħmel profit minnu għalih innifsu. In fatti, huwa baqa' jżomm il-flus mgħoddija lilu u nonostante li ngħata d-dettalji neċessarja sabiex jhallas lura dawn il-flejjes lil parte ċivile, dan baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant, din il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, tqis li dawn l-elementi ġew ilkoll ippruvati fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Għal dak li għandu x' jaqsam mal-flejjes li ġew mgħoddija minn Anthony Camilleri , AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd, fl-istqarrija rilaxxata minnu, u li ġiet sussegwentement ikkonfermata bil-ġurament tiegħu fil-mori ta' din il-kawża, l-imputat insista, li huwa għadda l-flejjes lill-kumpanija li mingħandha xtara l-makkinarju in kwistjoni:

> *"D: X' ghamilt b' dawn il-flus?*
>
> *R: Ghaddejt EUR 15,000 lil Mattarella jew Mattarini u hallastu b' kontanti.*
>
> *D: Lil min ghaddejthom il-cash?*
>
> *R: Lil Mattarella. Dan Anthony Camilleri rah. …Ghar-rigward ta' Camilleri, il-magna tieghu mixtrija qeghda hemm u hija kwistjoni ta' zmien sakemm tizzarma u tigi trasportata Malta."*

Madanakollu, il-Prosekuzzjoni ressqet prova tramite l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja li saret, li ma kienx possibbli jiġu identifikati, la l-kumpanija, u lanqas is-sid (MATTARELLA), li kellu rapporti kummerċjali ma' Distefano Angelo. Huwa minnu li l-imputat ma ressaq l-ebda prova biex jikkorabora dak li stqarr, iżda semmai, huwa l-oneru

fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, dwar x'sar minn dawn il-flus. Ma tressqitx prova dwar x'użu seta' għamel l-imputat minn dawn il-flus, biex tikkontradixxi dak li kkonferma bil-ġurament. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra ssib ħtija fl-imputat, fir-rigward tas-sitt imputazzjoni.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet Tagħha dwar it-tieni imputazzjoni. Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri (Monreal)** (deċiża fil-15 ta' Settembru, 2022), fejn intqal:

*"Illi għalkemm il-ġurisprudenza qieset li l-frode innominata huwa reat kompriż u involut f'dak tat-truffa, ma jfissirx li pero l-liġi stess ma tipotizzahomx ukoll bħala reati alternattivi għal dawk li jinsabu fis-Subtitolu III "Fuq il-Frodi". Dan,wara kollox, joħroġ mid-diċitura tal-Liġi li toħloq ir-reat ta' frode innominata fejn l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali jsemmi biċ-ċar li s-sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu jista' biss jitqies integrat fil-każ fejn xi persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. Issa kemm ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, kif ukoll dawk ta' truffa u frode innominata jinsabu fl-istess Sub-Titolu III intitolat "Fuq il-Frodi" u li lkoll allura jaqgħu taħt it-Titolu IX intitolat "Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta u s-Sigurta' Pubblika". Dan ifisser li jekk il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun sar b'xi mezz imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali dwar il-frode innominata, allura r-reita' tiskaturixxi minn dawk l-artikoli ta' qabel li taħthom il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun seħħ: approprjazzjoni jew truffa jew xi reat ieħor skont il-każ. U f'każ fejn allura jkun sar qligħ ieħor, bi ħsara ta' ħaddieħor, iżda mhux b'mod imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, f'dak il-każ tkun tista' tiġi integrata r-reita taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali konsistenti fi frode innominata.*

*F'każ fejn ikun hemm fatt ġuridiku wieħed, u r-reati ta' approprjazzjoni indebita, truffa u frode innominata jkunu ġew kontestati b'mod alternattiv għal xulxin, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun trid l-ewwel tikkonsidra jekk il-provi jintegrawx ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jew truffa. Jekk issib ħtija tal-approprjazzjoni indebita, il-Qorti tkun trid tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra ta' truffa u frode innominata. Jekk mill-banda l-oħra ssib ħtija fir-reat ta' truffa, tkun trid issib ħtija fir-reat ta' truffa iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reati t'approprjazzjoni*

*indebita u frode innominate kontestati. Jekk il-Qorti ma ssibx li l-Prosekuzzjoni tkun pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi tal-approprjazzjoni indebita jew it-truffa, iżda ssib li persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet qliegħ ieħor b'qerq, allura tkun tista' ssib ħtija għar-reat ta' frode innominata filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra.*

*Dan jingħad in bażi għall-ġurisprudenza li tisħaq, f'kuntest ta' imputazzjonijiet naxxenti minn fatt ġuridiku waħdieni: (a) dwar il-formula tal-astensjoni fil-każ ta' imputazzjonijiet mixlija b'mod alternattiv; u (b) l-inkompatibilita ġuridika bejn ir-reati ta' truffa u frode innominata fuq naħa u dak tal-approprjazzjoni indebita fuq l-oħra."*

F'dan il-każ, ġjaladarba din il-Qorti sabet ħtija fit-tielet imputazzjoni, sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u dana peress li kif spjega l-awtur Stefano Filletti, fil-ktieb "Criminal Law Handbook", tista' tinstab ħtija ta' frodi nnominat *"provided this does not constitute another offence in the same sub-title."*

Jifdal għalhekk, li tiġi eżaminata l-ħames imputazzjoni, u ċioè ir-reat ravviżat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif già ngħadd, ir-reat ta' frodi nnominata, ma jirrikjedix *messa in scena*. Anke sempliċi gidba li twassal għal telf patrimonjali tal-vittma, hija suffiċjenti. Din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi, irriżulta li għalkemm il-parte ċivile ġiet murija l-magna li kienet ser tixtri, u nonostante li għaddhiet il-flejjes lill-imputat, kif ukoll ġie ffirmat il-kuntratt relattiv, din il-magna baqgħet qatt ma waslet, peress li skont l-imputat, kien hemm problemi dwar l-ispejjeż relattivi għal żarmar tagħha u għat-trasport tagħha lejn Malta. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat insista li l-makkinarju għadu hemmhekk, u li hija kwistjoni ta' żmien biex tiżżarma u tiġi trasportata. Kien ukoll sostna li qed jagħmel minn kollox biex iniżżel dan il-makkinarju. Madanakollu, għalkemm minkejja t-trapass ta' żmien, dan il-makkinarju baqa' qatt ma wasal, jibqa' l-fatt li fil-fehma umli ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-intenzjoni tal-imputat, li jiffroda lill-parte ċivile. L-element intenzjonali, anke fir-rigward ta' dan ir-reat, baqa' ma ġiex ippruvat. Din il-Qorti tqis li fir-rigward ta' Anthony Camilleri, AM Developments Ltd u/jew AC Enterprises Ltd, hemm pendenzi ċivili, li semmai jwasslu għal proċeduri ċivili, iżda l-estremi tat-tliet reati li ġie akkużat bihom l-imputat, ma ġewx ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

**Ikkunsidrat:**

**Piena**

Fir-rigward ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni, il-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reati li qed jinstab ħtija dwarhom, u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Il-Qorti qieset ukoll li fin-nota tal-Avukat Ġenerali, li permezz tagħha ġew indikati l-Artikoli, fl-ebda ħin ma ġie indikat l-Artikolu 310A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, nonostante li ġie indikat l-Artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan waħdu ma japplikax għal każ odjern, ħlief fl-eventwalità li jiġi nvokat l-Artikolu 310A tal-Kap 9. In vista ta' dan, din il-Qorti mhijiex ser tgħaddi biex tapplika l-Artikolu 121D, u per konsegwenza, il-piena ravviżata fl-Artikolu 121D tal-Kap 9, mhijiex ser tiġi kkonsidrata fl-għoti tal-piena li sejra tiġi nflitta.

**Deċide**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel, mir-raba', mill-ħames u mis-sitt imputazzjonijiet; Qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni; u wara li rat l-Artikoli 533, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, filwaqt li tikkundannah għal sentejn priġunerija, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tissospendi l-piena, għal żmien erba' snin (4) mil-lum. Il-Qorti spjegat u fehmet lill-imputat, bi kliem ċar, il-konsegwenzi u r-responsabilità tiegħu fir-rigward tas-sentenza sospiża.**

**In oltre, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 23A u 23B tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska favur il-Gvern, tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati, sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-Artikolu 121D.**

**Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti, is-segwenti ammonti:-**

- **€450.39ċ u €1,637.61ċ (Spejjeż imħallsa lill-Espert Dr. Lennox Vella); u**
- **€ 350.33ċ (Spejjeż imħallsa lill-Espert Keith Cutajar)**

______________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

______________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**